IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.6.2016
COM(2016) 393 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2015**

{SWD(2016) 198 final}

MT MT

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2015**

## I. Introduzzjoni

Politika tal-kompetizzjoni tal-UE b'saħħitha u effettiva minn dejjem kienet fil-qalba tal-proġett Ewropew. Issa li s-sostenn għall-irkupru u t-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku jinsabu fil-quċċata tal-aġenda tal-UE, il-politika tal-kompetizzjoni saret iktar importanti minn qatt qabel.

Il-politika tal-kompetizzjoni żżomm is-swieq effiċjenti u miftuħin. Għall-konsumaturi Ewropej, dan ifisser riżultati aħjar fis-suq bħal prezzijiet orħos, prodotti u servizzi ta' kwalità aħjar, u għażla ikbar. Barra minn hekk, kompetizzjoni sana tagħti lill-kumpaniji possibbiltajiet ġusti sabiex jinnegozjaw u jilħqu l-miri kummerċjali tagħhom, li mbagħad iħeġġu t-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-prosperità. Meta l-kumpaniji jkunu jistgħu jikkompetu bil-merti tagħhom stess, in-negozji u l-familji jibbenefikaw minn firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi ta' kwalità tajba, innovattivi u bi prezzijiet kompetittivi. Kompetizzjoni ikbar tixpruna wkoll lill-kumpaniji sabiex jinvestu u jsiru iktar effiċjenti. Imbagħad dawn il-gwadanji fl-effiċjenza jinfirxu fl-ekonomija ġenerali. L-għan aħħari tal-politika tal-kompetizzjoni huwa li tagħmel is-swieq jaħdmu aħjar – għall-benefiċċju tal-familji u n-negozji.

Fil-bidu tal-mandat tiegħu, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker, qal li din il-Kummissjoni sejra tiffoka fuq l-isfidi ewlenin li qegħdin jaffaċċjaw is-soċjetà Ewropea u l-ekonomija. Il-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol importanti x'taqdi fl-indirizzar ta' dawk l-isfidi. Il-ħidma li twettqet fil-qasam tal-kompetizzjoni fl-2015 tat kontribut sinifikanti għal għadd ta' prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Kummissjoni, jiġifieri t-tkattir tax-xogħol, it-tkabbir u l-investiment, u l-ħolqien ta' Suq Uniku Diġitali konness, Unjoni tal-Enerġija reżiljenti, u suq uniku iktar profond u ġust.

Il-Kummissjoni hija impenjata wkoll sabiex trawwem kultura ta' kompetizzjoni – kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha – billi tippromwovi djalogu iktar mill-qrib mal-Istati Membri[1] u mal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE, kif ukoll kooperazzjoni internazzjonali estensiva.

Il-prinċipji ta' gwida tal-infurzar tal-kompetizzjoni huma li tiġi salvagwardjata l-imparzjalità, jiġi infurzat l-istat tad-dritt u jiġi moqdi l-interess Ewropew komuni. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE hija ċċentrata wkoll madwar il-valuri ta' ġustizzja, indipendenza politika, trasparenza u proċess ġust.

## II. Il-politika tal-kompetizzjoni ssaħħaħ l-innovazzjoni u l-investiment madwar l-UE

L-ekonomija tal-Ewropa qiegħda bil-mod taqleb il-paġna wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti. Sabiex tibni bażi soda għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, l-UE trid terġa' żżid il-livelli ta' investiment tagħha, speċjalment f'oqsma strateġiċi bħar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Fuq kollox, il-ġejjieni tal-Ewropa għandu jkun imsejjes fuq l-innovazzjoni. Il-politika tal-kompetizzjoni tista' tgħin sabiex jinkiseb dan l-għan billi toħloq ambjent li jħeġġeġ l-investiment u l-innovazzjoni.

[1] Ara pereżempju l-Ħarġa ta' Tgħarrif 2015-05 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, *Improving competition in the Member States to boost growth* (It-titjib tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri biex jiżdied t-tkabbir).

Il-pressjoni kompetittiva toħloq inċentivi għall-kumpaniji sabiex jinvestu, isiru iktar effiċjenti, jiżviluppaw teknoloġiji ġodda u joħolqu prodotti aħjar. L-iffaċilitar ta' kompetizzjoni iktar effettiva tgħin sabiex jiġi stimulat l-investiment billi żżomm is-swieq miftuħin u tiżgura li tittieħed azzjoni jekk operatur kbir fis-suq jabbuża mill-pożizzjoni tiegħu sabiex ma jħallix lill-kompetituri tiegħu jikbru u jinnovaw. Is-simulazzjonijiet ekonometriċi mudell juru li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-fużjonijiet u l-kartelli jwasslu għal żieda ta' 0.7 % fl-investiment wara ħames snin[2]. Barra minn hekk, ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat imexxu r-riżorsi pubbliċi lejn il-mobilizzazzjoni ta' investiment ġdid, sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku jinċentiva investimenti privati li ma kinux isiru mingħajru.

Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa[3] tnieda f'Novembru 2014 bl-għan li jsaħħaħ l-investiment. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi[4] (FEIS) li daħal fis-seħħ tard fl-2015 għandu sehem importanti mill-pjan. Bl-għajnuna tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-FEIS jipprovdi finanzjament sostnut minn garanzija mill-baġit tal-UE, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jsiru investmenti strateġiċi li s-suq ma jiflaħx jiffinanzja waħdu.

Finanzjament ta' proġetti bl-appoġġ tal-FEIS ipprovdut mill-BEI ma jaqax taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Madankollu, il-proġetti jistgħu jirċievu wkoll appoġġ finanzjarju ("ko-finanzjament") mingħand l-Istati Membri (inkluż mill-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej) li huwa soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan il-finanzjament irid ikun approvat mill-Kummissjoni sakemm ma jingħatax skont it-termini tas-suq. Sabiex issostni l-FEIS, il-Kummissjoni tivvaluta l-ko-finanzjament mill-Istat Membru bħala prijorità. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jaħdmu id f'id mal-għan tal-Pjan ta' Investiment li jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u mmobilizzat l-investiment privat. Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat jiżgura li proġetti ta' investiment pubbliku jindirizzaw ħtiġijiet reali, iżommu l-ispejjeż taħt kontroll u jiggarantixxu li l-flus pubbliċi jkunu ġenwinament meħtieġa sabiex jitniedu l-proġetti.

*Ir-regoli aġġornati dwar l-għajnuna mill-Istat għat-tħeġġiġ ta' miżuri ta' għajnuna li jsaħħu t-tkabbir*

Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tranġaw sew fil-kuntest tal-inizjattiva ta' immodernizzar tal-għajnuna mill-Istat (SAM, State aid modernisation)[5]. L-inizjattiva tgħin lill-Istati Membri sabiex jimmiraw aħjar il-miżuri ta' għajnuna lejn it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali. Bħala parti mill-SAM, il-Kummissjoni qiegħda ssaħħaħ is-sħubija tagħha mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda, peress li dawn issa żiedu r-responsabbiltà li tingħata għajnuna mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni.

Dan l-approċċ ta' sħubija msaħħa għandu l-għan li jiżgura li l-flessibbiltà ikbar għall-Istati Membri li jagħtu l-għajnuna tkun ibbilanċjata b'kooperazzjoni aħjar, kontrolli nazzjonali diliġenti u trasparenza ikbar. Il-Kummissjoni sejra ssostni l-investimenti strateġiċi billi taħdem mal-Istati Membri dwar kif jitfasslu miżuri ta' għajnuna li jsaħħu t-tkabbir li jippromwovu suq uniku b'saħħtu, integrat u dinamiku.

---

[2] Dierx A., Ilzkovitz, F., Pataracchia, B., Ratto, M., Thum-Thysen, A.,Varga, J., "Distributional macroeconomic effects of EU competition policy – a general equilibrium analysis", (L-effetti makroekonomiċi distributtivi tal-politika tal-UE dwar il-kompetizzjoni - analiżi ta' ekwilibrju ġenerali)*Competition Policy and Shared Prosperity* (Politika tal-Kompetizzjoni u Prosperità Kondiviża) (din il-pubblikazzjoni għadha pendenti), Bank Dinji.

[3] Ara http://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-investment/plan/index_mt.htm.

[4] Ara http://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-and-investment/investment-plan_mt.

[5] Ara http://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/index_en.html.

Il-qafas il-ġdid tal-għajnuna mill-Istat sejjer jiżgura li l-finanzjament pubbliku jgħin fil-mobilizzazzjoni tal-investiment privat sabiex jikkontribwixxi għal objettivi importanti ta' interess komuni, bla ma jfixkel il-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, minbarra r-regoli fir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER, General Block Exemption Regulation) imwessa' adottat fl-2014,[6] hemm tliet oqsma li huma ta' importanza speċjali għat-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-investiment madwar l-UE. Il-qafas dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni (RŻI)[7] jiffaċilita l-għoti tal-miżuri ta' għajnuna għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, sabiex iżid mal-finanzjament privat. Il-linji gwida ta' Għajnuna mill-Istat għall-Finanzjament ta' Riskju[8] jippermettu distribuzzjoni iktar rapida u ġeneruża tal-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju lil negozji żgħar u ta' daqs medju (SMEs) innovattivi u orjentati lejn it-tkabbir u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Il-Linji Gwida dwar il-Broadband[9] jappoġġaw lill-Istati Membri fl-indirizzar tad-diskrepanzi fil-finanzjament u l-fallimenti tas-suq f'dak li għandu x'jaqsam mal-forniment ta' kopertura adegwata tal-broadband, speċjalment f'żoni rurali.

**Miżuri ta' għajnuna li jippermettu li ssir riċerka rivoluzzjonarja**

Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jgħinu fit-tħeġġiġ u t-tixrid tal-innovazzjoni fl-UE, billi jsostnu proġetti pijuniera fl-iktar oqsma teknoloġiċi avvanzati.

Pereżempju f'April, il-Kummissjoni vvalutat għotja ta' GBP 50 miljun (madwar EUR 71 miljun) li l-awtoritajiet tar-Renju Unit kien biħsiebhom jipprovdu għad-disinjar ta' magna lanċatur spazjali SABRE, u sabet li kienet tirrispetta r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. SABRE huwa proġett ta' riċerka u żvilupp immexxi mill-kumpanija tar-Renju Unit Reaction Engines Limited, li għandha l-għan li tiżviluppa magna li tnaqqas b'mod sinifikanti l-kost ta' varar ta' satelliti f'orbita baxxa tad-Dinja. Il-Kummissjoni vvalutat il-proġett skont il-qafas tagħha ta' għajnuna mill-Istat għar-RŻI, u kkonkludiet li l-finanzjament miġbur minn sorsi ta' ekwità privata ma jkunx biżżejjed sabiex jitlesta l-proġett. Ir-riċerka f'dan il-qasam tista' twassal għal avvanzi teknoloġiċi sinifikanti li jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi li jkunu qegħdin jużaw prodotti u servizzi li jkunu ġejjin minn satelliti li jorbitaw baxxi mad-Dinja, bħall-komunikazzjonijiet mobbli.

## III. Naħtfu l-opportunitajiet tas-Suq Uniku Diġitali

It-trasformazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali f'realtà ilha prijorità tal-Kummissjoni sa mill-bidu tal-mandat tagħha. L-espansjoni tal-ekonomija diġitali, apparti li tittrasforma d-dinja tagħna u l-mod kif ngħixu, hija wieħed mill-ixprunaturi tat-tkabbir ekonomiku. Suq Uniku Diġitali li jkun qiegħed jiffjorixxi jkattar l-innovazzjoni, joħloq impjiegi ġodda u jibni wkoll opportunitajiet ġodda għal negozji ġodda u impriżi żgħar u ta' daqs medj (SMEs) Ewropej sabiex jilħqu suq ta' iktar minn 500 miljun persuna. Il-Kummissjoni stmat li l-ħolqien ta' Suq Uniku Diġitali tal-UE permezz tat-tkissir tal-ostakoli regolatorji, kif ukoll permezz taċ-ċaqliq

[6] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, ĠU L 187, 26.6.2014, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2014.187.01.0001.01.MLT

[7] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, *Qafas għall-għajnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni*, ĠU C 198, 27.6.2014, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2014.198.01.0001.01.MLT

[8] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, *Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju*, ĠU C 19, 22.1.2014, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52014XC0122(04).

[9] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, *Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband*, ĠU 2013 C 25, 26.1.2013, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2013:025:0001:0026:mt:PDF.

minn 28 suq nazzjonali għal wieħed uniku, jistgħu jikkontribwixxu EUR 415-il biljun fis-sena għall-ekonomija tagħna u joħloq mijiet ta' eluf ta' impjiegi ġodda[10].

F'Mejju 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija tagħha għal Suq Uniku Diġitali[11]. L-istrateġija tinkludi sett ta' 16-il azzjoni mmirata, mibnijin madwar tliet pilastri: (1) aċċess aħjar għall-konsumaturi u n-negozji għal prodotti u servizzi diġitali madwar l-Ewropa; (2) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet xierqa u ekwi sabiex jitkattru netwerks diġitali u servizzi innovattivi; (3) massimizzazzjoni tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija diġitali.

Is-swieq diġitali huma wkoll prijorità ewlenija fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni. Swieq diġitali miftuħin u ġusti jsaħħu l-innovazzjoni u jġibu benefiċċji kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji. Is-Suq Uniku Diġitali jrid ikun post fejn l-atturi kollha — kbar u żgħar — jistgħu jiżviluppaw prodotti innovattivi u jikkompetu bil-merti tagħhom stess. Barra minn hekk, il-politika tal-kompetizzjoni tindirizza l-ostakoli eżistenti onlajn li qegħdin jillimitaw l-orizzonti tal-investiment tal-kumpaniji u n-negozji ġodda fuq l-internet, u li qegħdin iżommu lura lin-negozji, iċ-ċittadini u l-gvernijiet milli jibbenefikaw bis-sħiħ mill-għodda diġitali.

*L-iżgurar ta' kompetizzjoni mhux mgħawġa fuq il-web: L-indirizzar tal-ostakoli u x-xkiel onlajn għall-innovazzjoni*

L-iżviluppi mgħaġġlin fl-ekonomija diġitali jippreżentaw diversi sfidi għal dawk li jfasslu l-politika, iżda ma jeħtiġux reviżjoni ġenerali tal-liġi u l-għodda tal-kompetizzjoni: l-istrumenti tal-politika tal-kompetizzjoni qegħdin jadattaw malajr għall-karatteristiċi speċifiċi tas-swieq diġitali[12].

**Inkjesta settorjali tal-kummerċ elettroniku – għarfien ikbar tas-suq sabiex jiġu indirizzati l-ostakoli transfruntiera**

F'Mejju 2015, il-Kummissjoni nediet inkjesta settorjali tal-antitrust fis-settur tal-kummerċ elettroniku fl-UE. Fl-2014, madwar nofs il-konsumaturi kollha tal-UE xtraw onlajn, iżda madwar 15 % biss minnhom xtraw onlajn mingħand bejjiegħ ibbażat fi Stat Membru ieħor tal-UE. Dan jissuġġerixxi li fl-UE għadhom jeżistu ostakoli transfruntiera sinifikanti għall-kummerċ elettroniku. L-inkjesta settorjali sejra tiffoka partikolarment fuq ostakoli potenzjali maħluqin minn xi kumpaniji għall-kummerċ onlajn transfruntier fi prodotti u servizzi fejn il-kummerċ elettroniku huwa l-aktar mifrux, bħall-prodotti elettroniċi, il-ħwejjeġ u ż-żraben, kif ukoll il-kontenut diġitali.

L-inkjesta settorjali sejra tappoġġja l-miżuri li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali tal-UE jieħdu kontra restrizzjonijiet fuq il-bejgħ onlajn. L-għarfien miksub mill-inkjesta settorjali sejjer jikkontribwixxi għal infurzar aħjar tal-liġi tal-kompetizzjoni fis-settur tal-kummerċ elettroniku.

Wieħed mill-għanijiet primarji tal-infurzar tal-kompetizzjoni huwa li jħeġġeġ lill-parteċipanti kollha fl-industrija sabiex jinnovaw, kemm jekk huma negozji ġodda kif ukoll jekk għandhom sehem dominanti mis-suq. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-konsumaturi Ewropej ikollhom l-ikbar għażla possibbli fost prodotti innovattivi. Pereżempju, fis-suq tat-tfittix onlajn, il-Kummissjoni qiegħda tagħmel investigazzjoni tal-antitrust fil-prattiki ta' Google.

F'April, il-Kummissjoni bagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil Google, li fiha allegat li l-kumpanija abbużat il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq għas-servizzi ta' tfittix onlajn fiż-

---

[10] Ara http://ec.europa.eu/priorities/digital-single-market_mt.

[11] Komunikazzjoni tas-6 ta' Mejju 2015 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa*, COM(2015) 192 finali, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52015DC0192. .

[12] Ara l-istudju reċenti mill-Parlament Ewropew fuq: http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/542235/IPOL_STU%282015%29542235_EN.pdf

Żona Ekonomika Ewropea billi ffavorrixxiet b'mod sistematiku l-prodott ta' tqabbil tal-prezzijiet tagħha stess fir-riżultati tat-tfittix ġenerali[13]. Il-Kummissjoni hija mħassba li r-riżultati tat-tfittix li jirċievu l-utenti mhux dejjem ikunu l-iktar rilevanti għat-tfittxijiet tagħhom. Il-fehma preliminari tal-Kummissjoni hija li l-imġiba ta' Google tikser ir-regoli tal-UE dwar l-antitrust għaliex toħnoq il-kompetizzjoni u, għalhekk, tagħmel ħsara lill-konsumaturi.

Fl-imgħoddi l-Kummissjoni kienet semmiet erba' affarijiet li jħassbuha dwar il-kondotta ta' Google, u d-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet deskritta hawn fuq hija marbuta mal-ewwel fost dak it-tħassib (tqabbil tal-prezzijiet). Il-Kummissjoni qiegħda tinvestiga b'mod attiv ukoll il-kondotta ta' Google b'rabta mat-tliet affarijiet l-oħrajn li jħassbuha: l-ikkupjar tal-kontenut web tar-rivali, l-esklussività tar-reklamar, u restrizzjonijiet żejda fuq dawk li jirreklamaw. Id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet b'rabta mat-tqabbil tal-prezzijiet bl-ebda mod ma tippreġudika l-eżitu tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni fit-tliet kwistjonijiet l-oħrajn li jħassbuha.

Investigazzjoni oħra fis-settur diġitali tikkonċerna lil Amazon. F'Ġunju, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni formali tal-antitrust f'uħud mill-prattiki kummerċjali ta' Amazon fid-distribuzzjoni tal-kotba elettroniċi[14]. B'mod partikolari, l-investigazzjoni qiegħda tiffoka fuq klawżoli li jidhru li jipproteġu lil Amazon minn kompetizzjoni mingħand distributuri oħrajn tal-kotba elettroniċi, pereżempju klawżoli li jagħtuha d-dritt li tkun informata dwar termini iktar favorevoli jew alternattivi offruti lill-kompetituri tagħha, u/jew id-dritt għal termini u kundizzjonijiet mill-inqas tajbin daqs dawk offruti lill-kompetituri tagħha.

Il-Kummissjoni hija mħassba li t-tali klawżoli jistgħu jxekklu l-kundizzjonijiet ekwi u potenzjalment inaqqsu l-kompetizzjoni fis-suq għad-detriment tal-konsumaturi, u b'hekk isir iktar diffiċli għal distributuri oħrajn tal-kotba elettroniċi sabiex jikkompetu ma' Amazon billi jiżviluppaw prodotti u servizzi ġodda u innovattivi. Imġiba bħal din, jekk ikkonfermata, tmur kontra r-regoli tal-antitrust tal-UE li jipprojbixxu abbużi minn pożizzjoni dominanti fis-suq u prattiki kummerċjali restrittivi. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tiżgura kompetizzjoni tajba bejn il-pjattaformi u tiżgura li l-operaturi tas-suq ma jabbużawx mill-pożizzjoni tagħhom sabiex jiksbu termini u kundizzjonijiet li jistgħu jaġixxu bħala ostakolu għall-innovazzjoni fis-suq.

*Il-promozzjoni ta' għażla ikbar fl-aċċess għall-midja għaċ-ċittadini tal-UE*

Infurzar b'saħħtu u rapidu tal-kompetizzjoni huwa għodda ewlenija fl-indirizzar effettiv tal-kwistjonijiet li jirriżultaw fis-setturi tal-ekonomija diġitali ġodda u li qegħdin jevolvu malajr. Madankollu, l-iżgurar ta' kompetizzjoni vibranti fi swieq iktar tradizzjonali, bħax-xandir tat-televiżjoni, huwa daqstant ieħor importanti għaċ-ċittadini Ewropej. Il-Kummissjoni ħerqana sabiex tiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu bejn distributuri tat-televiżjoni li jkunu qegħdin jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi u ġusti[15].

---

[13] Każ AT.39740 *Google search*, ara IP/15/4780 tal-15 ta' April 2015 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4780_en.htm.

[14] Każ AT.40153 *E-book MFNs and related matters* (MFNs ta' kotba elettroniċi u kwistjonijiet relatati), ara IP/15/5166 tal-11 ta' Ġunju 2015 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5166_en.htm.

[15] Ara l-Każijiet M.7194 *Liberty Global / Corelio / W&W / De Vijver Media*, Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_7194, u M.7499 *Altice / PT Portugal*, Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_7499. .

**Protezzjoni tal-inċentivi għall-innovazzjoni fis-settur tal-midja**

Fi Frar 2015, il-Kummissjoni approvat, taħt ir-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE, l-akkwiżizzjoni minn Liberty Global ta' sehem fil-kumpanija tal-midja Belġjana De Vijver Media NV ("De Vijver"), bil-patt li jittieħdu ċerti impenji. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ttieħdet wara investigazzjoni profonda.

Il-Kummissjoni kienet imħassba li, wara t-tranżazzjoni, De Vijver tirrifjuta li tilliċenzja l-kanali tagħha lid-distributuri tat-televiżjoni li huma kompetituri ta' Telenet, kumpanija tal-cable kkontrollata minn Liberty Global. L-impenji jindirizzaw dan it-tħassib billi jobbligaw lil De Vijver tilliċenzja l-kanali tagħha – Vier, Vijf u kwalunkwe kanal simili ieħor li tista' tniedi – lil distributuri tat-televiżjoni fil-Belġju b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji. Mingħajr dawn l-impenji, it-tranżazzjoni setgħet issarraf f'inqas kompetizzjoni fis-suq tad-distribuzzjoni tat-televiżjoni u finalment prezzijiet ogħla u inqas innovazzjoni għall-konsumaturi.

Barra minn hekk, f'April il-Kummissjoni awtorizzat l-akkwiżizzjoni proposta tal-operatur Portugiż tat-telekomunikazzjonijiet PT Portugal mill-kumpanija multinazzjonali tal-cable u t-telekomunikazzjonijiet Altice. Id-deċiżjoni hija soġġetta għall-kundizzjoni li Altice tintrabat li tbigħ iż-żewġ sussidjarji tagħha fil-Portugall.

PT Portugal huwa operatur tat-telekomunikazzjonijiet u multimedjali b'attivitajiet li jestendu fuq l-oqsma kollha tat-telekomunikazzjonijiet fil-Portugall. Il-Kummissjoni kienet imħassba li l-fużjoni, kif innotifikata inizjalment, kienet sejra tnaqqas il-kompetizzjoni f'għadd ta' swieq tat-telekomunikazzjonijiet fil-Portugall. Il-fużjoni kienet tneħħi kompetitur b'saħħtu minn dawn is-swieq, u dan seta' jwassal għal prezzijiet ogħla u inqas kompetizzjoni għall-konsumaturi Portugiżi. Sabiex telimina dan it-tħassib, Altice offriet li tneħħi s-sovraimpożizzjoni bejn l-attivitajiet ta' Altice u PT Portugal billi tbigħ in-negozji Portugiżi tagħha Cabovisão u ONI. Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-awtorità tal-kompetizzjoni Portugiża meta vvalutat it-tranżazzjoni proposta.

Investigazzjoni tal-antitrust oħra tikkonċerna l-forniment transfruntier ta' servizzi ta' televiżjoni bi ħlas fir-Renju Unit u l-Irlanda. F'Lulju, il-Kummissjoni bagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil Sky UK u lil sitt studji ċinematografiċi kbar tal-Istati Uniti: Disney, NBC Universal, Paramount Pictures, Sony, Twentieth Century Fox u Warner Bros[16]. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni, li nfetħet f'Jannar 2014, identifikat klawżoli fl-arranġamenti ta' liċenzjar bejn is-sitt studji ċinematografiċi u Sky UK li jeħtieġu lil Sky UK timblokka l-aċċess għall-konsumaturi barra t-territorju liċenzjat tagħha (ir-Renju Unit u l-Irlanda) għal films permezz tas-servizzi onlajn tagħha ta' televiżjoni bi ħlas jew permezz tas-servizzi satellitari tagħha ta' televiżjoni bi ħlas. Ċerti ftehimiet fihom ukoll klawżoli li jeħtieġu li l-istudji tal-films jiżguraw li, fil-ftehimiet ta' liċenzjar tagħhom ma' xandara oħrajn apparti Sky UK, dawn ix-xandara ma jitħallewx iqiegħdu s-servizzi tagħhom ta' televiżjoni bi ħlas għad-dispożizzjoni fir-Renju Unit u l-Irlanda.

Din is-sitwazzjoni taffettwa lill-konsumaturi Ewropej li jridu jaraw l-istazzjonijiet ta' televiżjoni bi ħlas tal-għażla tagħhom, indipendentement minn fejn jgħixu jew jivvjaġġaw fl-UE. Il-fehma preliminari tal-Kummissjoni hija li, fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni konvinċenti, dawn il-klawżoli jkunu jikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-UE li jipprojbixxu ftehimiet antikompetittivi.

*Titjib fil-funzjonament ta' swieq innovattivi – apparati mobbli*

Apparti mobbli, bħal smartphones u kompjuters tablet, illum il-ġurnata huma parti mill-ħajja ta' kuljum tal-maġġoranza taċ-ċittadini Ewropej. Fl-2015 intlaħaq tragward għall-utenti Ewropej tal-komunikazzjoni mobbli – il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120,[17] li ser itemm it-tariffi tar-roaming fl-UE mill-

[16] Każ AT.40023 *Cross-border access to pay-TV content* (Aċċess transfruntiera għal kontenut ta' televiżjoni bi ħlas), ara IP/15/5432 tat-23 ta' Lulju 2015 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5432_en.htm. .

[17] Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-

15 ta' Ġunju 2017. L-għan tal-infurzar tal-antitrust, flimkien mal-leġiżlazzjoni, huwa li tiġi protetta l-kompetizzjoni fil-qasam tal-apparati mobbli sabiex tiġi żgurata innovazzjoni ssoktata għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej.

Wara l-ftuħ ta' żewġ investigazzjonijiet tal-antitrust separati f'Diċembru, il-Kummissjoni bagħtet żewġ Dikjarazzjonijiet ta' Oġġezzjonijiet lil Qualcomm, l-ikbar fornitur dinji ta' baseband chipsets, li jintużaw f'apparati elettroniċi għall-konsumatur. Il-baseband chipsets jipproċessaw funzjonijiet ta' komunikazzjoni fi smartphones, tablets u apparati broadband mobbli oħrajn. Jintużaw kemm għat-trażmissjoni tal-leħen kif ukoll tad-dejta.

Il-fehma preliminari tal-Kummissjoni hija li l-kumpanija abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq dinjin għal baseband chipsets 3G (UMTS) u 4G (LTE), bi ksur tar-regoli tal-antitrust tal-UE[18]. L-ewwel investigazzjoni qiegħda teżamina jekk Qualcomm abbużatx mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq billi offriet inċentivi finanzjarji lil manifattur prinċipali ta' smartphones u tablets bil-kundizzjoni li juża b'mod esklussiv baseband chipsets ta' Qualcomm fl-ismartphones u t-tablets tiegħu. Imġiba bħal din tkun naqqset l-inċentivi tal-manifattur sabiex jikseb chipsets mingħand il-kompetituri ta' Qualcomm, b'detriment għall-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fis-swieq għal baseband chipsets UMTS u LTE. It-tieni investigazzjoni qiegħda tara jekk Qualcomm kinitx involuta fi pprezzar predatorju billi talbet prezzijiet taħt il-kost bil-ħsieb li ġġiegħel lill-kompetizzjoni tagħha toħroġ mis-suq.

Madankollu, is-suq għall-provvista ta' ħardwer huwa biss parti mill-kwistjoni – is-softwer imħaddem fuq l-ismartphones u t-tablets irid ikun ukoll soġġett għal kompetizzjoni mhux imxekkla. L-applikazzjonijiet u s-servizzi mobbli fuq smartphones, tablets u apparat mobbli ieħor huma bbażati fuq is-sistema operattiva tal-apparat. Google Android saret is-sistema operattiva ewlenija għall-apparat mobbli smart fiż-Żona Ekonomika Ewropea, tant li llum Android tintuża fil-maġġoranza tal-apparat mobbli smart fl-Ewropa.

F'April, il-Kummissjoni fetħet proċedimenti formali kontra Google sabiex tinvestiga jekk il-kondotta tal-kumpanija b'rabta ma' Android kisritx ir-regoli tal-UE dwar l-antitrust[19]. Android hija sistema operattiva mobbli b'sors miftuħ li hija żviluppata b'mod predominanti minn Google. Fil-prinċipju, kulħadd jista' juża liberament u jiżviluppa ulterjorment l-Android. Madankollu, il-maġġoranza tal-manifatturi ta' smartphones u tablets jużaw is-sistema operattiva Android flimkien ma' firxa ta' applikazzjonijiet u servizzi proprjetà ta' Google, u għalhekk iridu jidħlu f'ċerti ftehimiet ma' Google.

Il-Kummissjoni qiegħda tivvaluta jekk, meta daħlet fi ftehimiet antikompetittivi u/jew billi abbużat pożizzjoni dominanti possibbli, Google ostakolatx b'mod illegali l-iżvilupp u l-aċċess għas-suq ta' sistemi operattivi mobbli, applikazzjonijiet u servizzi tal-komunikazzjoni mobbli ta' rivali fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Din l-investigazzjoni hija distinta u separata mill-investigazzjoni tal-Kummissjoni fl-imġiba ta' Google b'rabta ma' tfittxijiet fuq l-internet.

---

drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni, ĠU L 310, 26.11.2015, pp. 1-18, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32015R2120.

[18] Każijiet AT.40220 *Qualcomm (ħlasijiet ta' esklussività)* u AT.39711 *Qualcomm (predazzjoni)*, ara IP/15/6271 tat-8 ta' Diċembru 2015 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-6271_en.htm.

[19] Każ AT.40099 *Google Android*, ara MEMO/15/4782 tal-15 ta' April 2015, disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-15-4782_en.htm. .

*Kontroll effettiv tal-fużjonijiet għas-salvagwardja tal-investiment fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet*

Kompetizzjoni effettiva fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet hija xprunatur ewlieni ta' investiment u ta' eżiti tas-suq aħjar għall-konsumaturi u n-negozji. Il-kompetizzjoni hija l-forza xprunatriċi li tiġbed l-investiment għall-iżvilupp ta' netwerks broadband b'veloċità għolja li jeħtieġu l-Ewropej. Il-konsumaturi ma jibbenefikawx minn investiment per se – jibbenefikaw mill-impatt tal-investiment fuq il-parametri tal-kompetizzjoni bħall-għażla, il-kwalità u l-prezz.

Apparti milli jżomm is-suq tat-telekomunikzzjonijiet miftuħ u kompetittiv, l-infurzar tal-kompetizzjoni jibqa' għodda ewlenija fl-indirizzar tal-frammentazzjoni tas-suq fl-UE[20]. Il-politika tal-kompetizzjoni tikkomplimenta wkoll ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju tat-telekomunikazzjonijiet, waħda mill-miżuri ewlenin ippjanati fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali.

Barra minn hekk, il-kontroll tal-fużjonijiet f'dan il-qasam għandu rwol kruċjali, billi jivvaluta jekk fużjoni proposta twassalx għal żieda fl-investiment għall-benefiċċju tal-konsumaturi, pereżempju f'termini ta' kopertura ikbar tan-netwerk.

F'Mejju, il-Kummissjoni approvat, skont ir-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE, l-akkwiżizzjoni proposta ta' Jazztel, kumpanija tat-telekomunikazzjonijiet irreġistrata fir-Renju Unit iżda attiva prinċiparjament fi Spanja, mir-rival Orange SA ta' Franza[21]. L-approvazzjoni hija kundizzjonali għall-implimentazzjoni sħiħa minn Orange ta' għadd ta' impenji li jiżguraw kompetizzjoni effettiva fis-swieq tas-servizzi ta' aċċess għall-internet fiss wara l-akkwiżizzjoni.

Il-Kummissjoni kienet imħassba li l-akkwiżizzjoni, kif inizjalment innotifikata, setgħet wasslet għal prezzijiet ogħla għal servizzi ta' aċċess għall-internet fiss għall-konsumaturi fi Spanja. Sabiex tindirizza dan it-tħassib, Orange ssottomettiet impenji sabiex tiżgura li jkun jista' jidħol operatur ġdid fis-suq tal-konsumaturi għal servizzi ta' aċċess għall-internet fiss, u jikkompeti bl-istess saħħa bħal Orange u Jazztel. L-impenji jeliminaw it-tħassib inizjali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni fetħet ukoll żewġ investigazzjonijiet approfonditi f'fużjonijiet fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. L-ewwel qiegħda tħares lejn l-akkwiżizzjoni proposta ta' Telefónica UK minn Hutchison,[22] sabiex tivvaluta jekk it-tranżazzjoni tagħmilx ħsara lill-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni hija mħassba li t-tranżazzjoni tista' twassal għal prezzijiet ogħla, inqas għażla u inqas innovazzjoni għall-konsumaturi tas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet mobbli fir-Renju Unit. Il-Kummissjoni wettqet ukoll investigazzjoni approfondita fl-akkwiżizzjoni ta' BASE Belgium minn Liberty Global[23] sabiex tiżgura li l-konsumaturi fil-Belġju ma jġarrbux prezzijiet ogħla u inqas għażla minħabba t-tranżazzjoni proposta.

---

[20] Ara pereżempju d-deċiżjoni dwar Slovak Telecom (każ AT.39523) tal-15 ta' Ottubru 2014, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=1_39523. .

[21] Każ M.7421 *Orange/Jazztel*, Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_7421. .

[22] Każ M.7612 *Hutchison 3G UK/Telefónica UK*, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_7612.

[23] Każ M.7637 *Liberty Global/BASE Belgium*, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_7637.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrevediet il-fużjoni proposta tan-negozji Daniżi Telenor u TeliaSonera[24]. Il-Kummissjoni kellha tħassib li l-fużjoni kienet sejra toħloq l-ikbar operatur ta' netwerk mobbli fid-Danimarka u kienet tirriżulta fi struttura tas-suq kkonċentrata ħafna, li twassal għal żidiet fil-prezzijiet għall-konsumaturi u inqas inċentivi għall-investiment. F'Settembru 2015, wara li ssottomettew żewġ settijiet ta' rimedji li dehru insuffiċjenti sabiex jindirizzaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni, il-partijiet abbandunaw it-tranżazzjoni.

## IV. Il-bini ta' Unjoni tal-Enerġija Ewropea integrata u li ma tagħmilx ħsara lill-klima

Il-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija hija pass kbir 'il quddiem favur suq tal-enerġija integrat, interkonness u reżiljenti, għall-benefiċċju tal-konsumaturi, il-kumpaniji u l-ambjent. In-negozji u l-familji, li huma fil-qalba tal-Unjoni tal-Enerġija, għandhom ikunu jistgħu jħallsu prezzijiet li jintlaħqu u kompetittivi. Fl-istess ħin, il-politika tal-enerġija tal-UE hija msejsa fuq it-tliet pilastri tas-sostenibbiltà, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista. Il-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija b'saħħitha b'politika ambizzjuża dwar il-klima sejjer jeħtieġ trasformazzjoni fundamentali tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa. Fl-2015, il-Kummissjoni bdiet tieħu r-riżultati fuq din il-prijorità ewlenija.

Fi Frar, il-Kummissjoni ħabbret il-Qafas Strateġiku tagħha għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li Tħares 'il Quddiem[25]. L-Istrateġija Qafas tistabbilixxi, f'ħames dimensjonijiet tal-politika marbutin ma' xulxin ("Sigurtà, solidarjetà u fiduċja tal-enerġija", "Suq Ewropew tal-enerġija integrat bis-sħiħ", "Effiċjenza fl-użu tal-enerġija li tikkontribwixxi għal moderazzjoni tad-domanda", "Dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija", u "Riċerka, Innovazzjoni u Kompetittività"), l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija Union – u l-passi li sejra tieħu l-Kummissjoni sabiex tilħaqhom.

L-UE għandha bżonn titbiegħed minn ekonomija bbażata fuq il-karburanti fossili, li sserraħ fuq teknoloġiji qodma u mudelli tan-negozju skaduti. Is-sistema frammentata attwali, ikkaratterizzata minn politiki nazzjonali mhux ikkoordinati, ostakoli tas-suq u żoni maqtugħin mill-enerġija, trid tingħeleb. Huwa kruċjali wkoll li l-konsumaturi jiġu awtonomizzati billi jingħataw informazzjoni u għażliet.

L-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija hija objettiv ewlieni tal-Unjoni tal-Enerġija. Li kieku l-gass u l-elettriku jiċċirkolaw b'mod liberu madwar l-UE, din tkun sitwazzjoni iktar ekonomikament sostenibbli, ekoloġika u soċjalment inklużiva.

*L-infurzar tal-antitrust sabiex l-enerġija ssir iktar sigura, affordabbli u sostenibbli.*

L-infurzar tal-antitrust għandu rwol importanti fit-trawwmin tal-integrazzjoni tas-suq fl-Unjoni tal-Enerġija billi jiġu indirizzati distorsjonijiet tas-suq li joriġinaw mill-imġiba ta' operaturi dominanti tas-suq. L-investigazzjoni tal-antitrust fl-imġiba ta' Gazprom fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant hija eżempju ċar ta' dan[26].

---

[24] Każ M. 7419 *TeliaSonera/Telenor/JV*, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=2_M_7419. .

[25] Komunikazzjoni tal-25 ta' Frar 2015 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, *Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem*, COM(2015) 080 finali, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2015 %3A80 %3AFIN. .

[26] Każ AT.39816 *Provvista tal-gass upstream fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant*, ara IP/15/4828 tat-22 ta' April 2015 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4828_en.htm.

**L-iżgurar li l-fornituri dominanti tal-gass jirrispettaw ir-regoli – l-investigazzjoni ta' Gazprom**

F'April, il-Kummissjoni Ewropea baghtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil Gazprom fejn iddikjarat li xi wħud mill-prattiki tan-negozju tagħha fis-swieq tal-gass fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant jistgħu jikkostitwixxu abbuż tal-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq bi ksur tar-regoli tal-antitrust tal-UE. Il-gass huwa prodott bażiku essenzjali fil-ħajja ta' kuljum ta' ħafna miċ-ċittadini tal-UE, u l-fehma preliminari tal-Kummissjoni hija li jista' jkun li Gazprom qiegħda xxekkel il-kompetizzjoni fis-swieq tal-provvista tal-gass fi tmien Stati Membri fl-Ewropea Ċentrali u tal-Lvant (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u s-Slovakkja). Gazprom huwa l-fornitur dominanti tal-gass naturali f'dawk il-pajjiżi, b'ishma mis-suq ferm ogħla minn 50 % fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-pajjiżi, u f'ċerti każijiet sa 100 %.

Fuq il-bażi tal-investigazzjoni tagħha, il-fehma preliminari tal-Kummissjoni hija li Gazprom jista' jkun li qiegħda tikser ir-regoli tal-antitrust tal-UE billi tapplika strateġija ġenerali ta' diviżjoni tas-swieq tal-gass tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant pereżempju billi tnaqqas il-kapaċità tal-klijenti tagħha li jbigħu l-gass mill-ġdid fuq livell transfruntier. Dan seta' ppermetta lil Gazprom sabiex titlob prezzijiet ingusti f'ċerti Stati Membri. Jista' jkun ukoll li Gazprom abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq billi għamlet il-provvista tal-gass dipendenti fuq it-twettiq ta' impenji mhux relatati mingħand il-bejjiegħa bl-ingrossa li jikkonċernaw l-infrastruttura tat-trasport tal-gass.

L-infurzar tal-antitrust jappoġġa l-ħolqien ta' suq uniku għall-enerġija, anki billi jkisser ftehimiet antikompetittivi ta' kondiviżjoni tas-suq[27] u billi jżomm l-infrastruttura aċċessibbli. L-aċċess għall-infrastruttura huwa importanti għall-prevenzjoni tal-esklużjoni mis-suq u ż-żamma ta' inċentivi għall-investiment. Azzjonijiet importanti f'dan il-qasam jinkludu d-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet mibgħuta f'Marzu lil Bulgarian Energy Holding (BEH), is-sussidjarja tal-provvista tal-gass tagħha, Bulgargraz u s-sussidjarja tal-infrastruttura tal-gass tagħha, Bulgartransgaz[28].

BEH hija l-kumpanija tal-enerġija uffiċjali tal-istat fil-Bulgarija. Hija integrata vertikalment, jiġifieri l-BEH tforni l-gass u s-sussidjarji tagħha huma sidien jew jikkontrollaw in-netwerk domestiku Bulgaru tat-trażmissjoni tal-gass, l-unika faċilità ta' ħżin tal-gas fil-Bulgarija, u l-kapaċità fil-pipeline ewlieni tal-importazzjoni tal-gass fil-Bulgarija. Il-Kummissjoni hija mħassba li BEH u s-sussidjarji tagħha jistgħu jkunu qegħdin jabbużaw mill-pożizzjoni dominanti tagħhom fis-suq tal-gass Bulgaru, billi jwaqqfu lil kompetituri milli jkollhom aċċess għall-infrastruttura li għandhom bżonn sabiex jikkompetu b'suċċess fis-suq tal-provvista tal-gass tal-pajjiż. Imġiba bħal din tmur kontra r-regoli tal-antitrust tal-UE, u tirriżulta f'inqas kompetizzjoni fis-suq u eżiti kummerċjali ifqar għall-konsumaturi affettwati.

Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll investigazzjoni tal-antitrust separata fl-imġiba ta' BEH fuq is-suq bl-ingrossa tal-elettriku mhux irregolat fil-Bulgarija[29]. Il-Kummissjoni kienet imħassba li BEH kienet daħħlet fis-seħħ ostakoli artifiċjali bejn is-swieq nazzjonali. B'mod partikolari, BEH kienet qiegħda tbigħ l-elettriku lin-negozjanti bl-użu ta' kuntratti li ma jħalluhomx jerġgħu jbigħu l-elettriku barra mill-Bulgarija. BEH offriet li tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni billi tistabbilixxi skambju indipendenti tal-enerġija fil-Bulgarija, li bih l-elettriku jista' jiġi nnegozjat b'mod anonimu mingħajr ma jkun jista' jiġi verifikat fejn jerġa' jinbiegħ. Fl-10 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għamlet l-impenji offruti minn BEH legalment vinkolanti.

---

[27] Ara pereżempju l-każ AT.39952 *Skambji ta' Enerġija* (Power Exchanges), id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2014, ara IP/14/215 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-14-215_en.htm

[28] Każ AT.39849 *Gass BEH*, ara IP/15/4651 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4651_en.htm.

[29] Każ AT.39767 *BEH Elettriku*, ara IP/15/6289 tal-10 ta' Diċembru 2015 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-6289_en.htm

*Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat sabiex jiġi żgurat suq tal-enerġija li ma jagħmilx ħsara lill-klima u reżiljenti mingħajr tfixkil żejjed tal-kompetizzjoni*

Bħala akkumpanjament għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, enfasi importanti oħra tal-politika tal-kompetizzjoni huwa l-iżgurar li s-swieq jaħdmu kif suppost u li l-appoġġ mill-gvern – inkluż l-appoġġ sabiex tiġi ffaċilitata l-mixja lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli – ma joħloqx żbilanċi.

Permezz tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat fl-Enerġija u l-Ambjent tagħha,[30] il-Kummissjoni qiegħda tippromwovi l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-suq sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Mill-2016, il-ġeneraturi li jużaw enerġiji rinnovabbli jridu jbigħu l-elettriku tagħhom direttament fis-suq. Appoġġ pubbliku jista' jingħata biss bħala primjum supplimentari mal-prezz tas-suq. Barra minn hekk, mill-2017, l-Istati Membri sejjer ikollhom jagħtu għajnuna operattiva permezz ta' proċess tal-offerti kompetittiv.

Barra minn hekk, il-linji gwida tfasslu sabiex jikkontribwixxu għad-dħul fis-suq ta' teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, sabiex tkun tista' tingħata għajnuna mill-Istat f'każijiet fejn ikun hemm fallimenti tas-suq. Il-linji gwida jħeġġu wkoll lill-Istati Membri tal-UE sabiex jikkooperaw ma' xulxin u jqisu l-provvista tal-elettriku minn Stati Membri oħrajn.

Barra minn hekk, il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat qiegħed jgħin sabiex jinħoloq suq konness, integrat u sigur tal-enerġija fl-Ewropa billi jiġu vvalutati l-miżuri nazzjonali sabiex tiġi żgurata l-provvista tal-elettriku (magħrufa bħala "mekkaniżmi tal-kapaċità").

**L-inkjesta settorjali fil-mekkaniżmi tal-kapaċità – nilħqu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija**

F'April, il-Kummissjoni nediet inkjesta settorjali dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex tiġbor informazzjoni dwar mekkaniżmi tal-kapaċità eżistenti jew ippjanati, jiġifieri miżuri meħudin mill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-provvista tal-elettriku tista' tlaħħaq mad-domanda fit-terminu medju jew fit-tul. L-inkjesta settorjali għandha l-għan li teżamina, b'mod partikolari, jekk it-tali miżuri jiżgurawx is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku bla ma jfixklu l-kompetizzjoni bejn il-fornituri tal-elettriku jew ixekklu l-kummerċ transfruntier.

L-inkjesta settorjali hija l-ewwel waħda taħt ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat u tkopri kampjun rappreżentattiv ta' Stati Membri li għandhom mekkaniżmi ta' kapaċità fis-seħħ jew li qegħdin jikkunsidrawhom, jiġifieri: Il-Belġju, il-Kroazja, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja. Filwaqt li l-gvernijiet għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed provvista tal-elettriku sabiex jevitaw blackouts, il-politika tal-kompetizzjoni għandha tiżgura li l-miżuri pubbliċi jsostnu l-investimenti fil-provvisti tal-elettriku, huma konsistenti mal-istrumenti ta' politika mmirati għat-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, u ma jiffavorixxux iktar milli dovut lil produtturi jew teknoloġiji partikolari.

*Inżommu l-Ewropa post attraenti għall-investiment – kontroll tal-fużjonijiet fis-settur tal-enerġija*

Għall-industriji f'netwerk bħas-settur tal-enerġija, huwa essenzjali li jiġi prevenut il-ħolqien ta' strutturi tas-suq li jistgħu jxekklu l-kompetizzjoni effettiva, u b'hekk jitnaqqsu l-inċentivi għall-investiment u l-innovazzjoni. Il-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE baqa' għodda effettiva biex is-suq tal-enerġija tal-UE jinżamm miftuħ u jkun żgurat li l-investiment jissarraf f'eżiti tas-suq aħjar għan-negozji u l-familji tal-UE.

[30] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, *Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014–2020*, ĠU C 200, 28.6.2014, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52014XC0628%2801%29.

Wara reviżjoni approfondita u kooperazzjoni ferm mill-qrib mad-Diviżjon Antitrust tal-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti, il-Kummissjoni approvat, skont ir-Regolament dwar il-fużjonijiet tal-UE, l-akkwiżizzjoni proposta tan-negozji tal-enerġija ta' Alstrom ta' Franza minn General Electric (GE) li hija bbażata fl-Istati Uniti[31]. It-tranżazzjoni hija eżempju tajjeb ta' kif teknoloġija bbażata fl-UE tista' tiffjorixxi u tattira investiment barrani.

L-approvazzjoni hija kundizzjonali għad-divestitura tal-partijiet ċentrali tan-negozju tat-turbina tal-gass heavy-duty ta' Alstom, li jintużaw l-iktar f'impjanti tal-enerġija tal-gass, lejn Ansaldo tal-Italja. Il-Kummissjoni kienet imħassba li t-tranżazzjoni kienet sejra telimina wieħed mill-kompetituri globali ewlenin ta' GE fis-suq tat-turbini tal-gass heavy-duty, li fih GE hija l-ikbar manifattur fid-dinja u Alstron hija wieħed mill-atturi globali ewlenin. Dan kien iwassal għal inqas innovazzjoni u prezzijiet ogħla. L-impenji li offriet GE jindirizzaw dan it-tħassib. Barra minn hekk, it-teknoloġija avvanzata tat-turbini tal-gass heavy-duty hija ta' importanza partikolari għall-ilħuq tal-objettivi tat-tibdil fil-klima u l-immodernizzar tal-provvista tal-enerġija tal-UE.

## V. Lejn Suq Uniku tal-UE iktar profond u ġust

Fi żminijiet ta' globalizzazzjoni dejjem ikbar, suq uniku iktar profond u ġust huwa assi ċentrali għall-bini ta' ekonomija tal-UE iktar b'saħħitha li tkattar l-impjiegi u t-tkabbir. Din hija r-raġuni għaliex l-avvanz fl-integrazzjoni tas-suq uniku jibqa' fil-quċċata tal-aġenda tal-Kummissjoni. It-tir tal-Kummissjoni huwa li tiftaħ opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini u n-negozji billi tippermetti lin-nies, il-prodotti, is-servizzi u l-kapital jiċċaqilqu liberament fi ħdan il-fruntieri tas-suq uniku.

*Tisħiħ tat-trasparenza fiskali u l-iżgurar ta' piż tat-taxxa ġust għal kulħadd*

Suq uniku li jaħdem bis-sħiħ jeħtieġ li l-atturi kollha fis-suq – kemm jekk kbar jew żgħar, lokali jew globali – iħallsu s-sehem ġust tat-taxxa tagħhom. Għaldaqstant, il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi fiskali hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni ta' Juncker, u waħda mill-iktar inizjattivi importanti għall-avvanz tat-tkomplija tas-suq uniku tal-UE.

F'Marzu, il-Kummissjoni żvelat Pakkett dwar it-Trasparenza Fiskali,[32] li għandu l-għan li jiżgura li l-Istati Membri jkunu mgħammrin bl-informazzjoni li għandhom bżonn biex jipproteġu l-bażijiet tat-taxxa tagħhom u jimmiraw b'mod effettiv il-kumpaniji li jippruvaw jevitaw milli jħallsu s-sehem ġust tat-taxxa tagħhom. F'Ġunju, il-pakkett kien segwit mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal Tassazzjoni Ġusta u Effettiva[33]. Il-pjan ta' azzjoni jistabbilixxi sensiela ta' inizjattivi għall-indirizzar tal-evitar tat-taxxa, is-salvagwardja ta' dħul sostenibbli u t-tisħiħ tas-suq uniku għan-negozji. Meħudin flimkien, dawn il-miżuri sejrin itejbu b'mod sinifikanti l-ambjent tat-taxxa fuq il-kumpaniji fl-UE, u b'hekk jagħmluh iktar ġust, iktar effiċjenti u iktar favorevoli għat-tkabbir.

Il-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol ewlieni fl-indirizzar ta' din l-isfida. Wara l-investigazzjonijiet approfonditi li tnedew f'Ġunju 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-

---

[31] Każ M.7278 *General Electric/Alstom (Enerġija termali – Enerġija rinnovabbli u Grid Business)*, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Settembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?fuseaction=dsp_result.

[32] Ara IP/15/4610 tat-18 ta' Marzu 2015, disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4610_en.htm.

[33] Ara IP/15/5188 tas-17 ta' Ġunju 2015, disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5188_en.htm.

Lussembrugu u n-Netherlands taw benefiċċji selettivi fuq it-taxxa (xi ħaġa illegali skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat) lil Fiat Finance and Trade[34] u lil Starbucks[35]. Għal kull waħda minn dawn il-kumpaniji, deċiżjoni tat-taxxa maħruġa mill-awtorità nazzjonali tat-taxxa rispettiva naqqset b'mod artifiċjali t-taxxa mħallsa mill-kumpanija[36]. Skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, id-deċiżjonijiet tat-taxxa ma jistgħux jużaw metodi, irrispettivament minn kemm ikunu kumplessi, sabiex jistabbilixxu prezzijiet ta' trasferiment mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika u li jittrasferixxu bla bżonn il-qligħ sabiex jitnaqqsu t-taxxi mħallsin mill-kumpanija. Prattiki bħal dawn ikunu qegħdin jagħtu lil dik il-kumpanija vantaġġ kompetittiv inġust fuq kumpaniji oħrajn, tipikament SMEs li huma intaxxati fuq il-profitti reali tagħhom minħabba li jħallsu prezzijiet tas-suq għall-prodotti u s-servizzi li jużaw.

**Indirizzar tal-vantaġġi inġusti fuq it-taxxa – Id-deċiżjonijiet dwar Starbucks u Fiat Finance & Trade**

Deċiżjonijiet tat-taxxa per se huma assolutament legali. Fil-każijiet ta' Starbucks u Fiat Finance & Trade, madankollu, iż-żewġ deċiżjonijiet tat-taxxa investigati approvaw metodi artifiċjali u kumplessi sabiex jistabbilixxu qligħ taxxabbli għall-kumpaniji. Dawn il-metodi jistabbilixxu prezzijiet għal prodotti u servizzi bejn kumpaniji fil-gruppi Fiat u Starbucks (hekk imsejħin "prezzijiet tat-trasferiment") li ma kinux jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet tas-suq u b'hekk ma kinux jirriflettu r-realtà ekonomika.

Ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat jirrikjedu li tiġi rkuprata għajnuna mill-Istat inkompatibbli sabiex titnaqqas id-distorsjoni tal-kompetizzjoni maħluqa mill-għajnuna. Fiż-żewġ deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-metodoloġija sabiex jiġi kkalkolat il-valur tal-vantaġġ kompetittiv żejjed li gawdew Fiat u Starbucks, jiġifieri d-differenza bejn dak li ħallset il-kumpanija u dak li kieku kienet tħallas mingħajr id-deċiżjoni tat-taxxa. Dan l-ammont ivarja minn madwar EUR 20 sa 30 miljun kull wieħed għal Fiat u għal Starbucks, iżda l-ammonti preċiżi tat-taxxa li għandhom jiġi rkuprati sejrin jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Lussemburgu u tan-Netherlands abbażi tal-metodoloġija stabbilita fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-kumpaniji mhumiex sejrin jibqgħu jibbenefikaw mit-trattament vantaġġuż tat-taxxa mogħti minn dawn id-deċiżjonijiet tat-taxxa.

F'Diċembru, il-Kummissjoni fetħet inkjesta formali fit-trattament tat-taxxa tal-Lussemburgu fir-rigward ta' McDonald's[37]. Il-fehma preliminari tal-Kummissjoni hija li deċiżjoni tat-taxxa mogħtija mil-Lussemburgu jista' jkun li dderogat b'mod selettiv mid-dispożizzjonijiet tal-liġi tat-taxxa nazzjonali tiegħu u t-trattat dwar it-taxxa doppja bejn il-Lussemburgu u l-Istati Uniti, sabiex b'hekk lil McDonald's ingħatalu vantaġġ li mhuwiex disponibbli għal kumpaniji oħrajn f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli.

Il-Kummissjoni kellha wkoll tħassib li d-deċiżjonijiet tat-taxxa jistgħu jinvolvu kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat marbutin ma' Apple fl-Irlanda[38] u Amazon fil-Lussemburgu[39]. Investigazzjoni approfondita addizzjonali fis-sistema Belġjana ta' deċiżjonijiet dwar "qligħ

[34] Każ SA.38375 *Għajnuna allegata lil FFT- il-Lussemburgu*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_38375.
[35] Każ SA.38374 *Għajnuna allegata lil Starbucks*, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_38374.
[36] Ara IP/15/5880 tal-21 ta' Ottubru 2015, disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5880_en.htm.
[37] Każ SA.38945 *Għajnuna allegata lil Mc Donald's – il-Lussemburgu*, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni sabiex tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali tat-3 ta' Diċembru 2015, ara IP/15/6221 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-6221_en.htm.
[38] Każ SA.38373 *Għajnuna allegata lil Apple,* disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_38373.
[39] Każ SA.38944 *Għajnuna allegata lil Amazon*, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_38944.

eċċessiv" tnediet fi Frar 2015[40]. Fil-11 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjoni negattiva bi rkupru, fejn ikkonkludiet li l-vantaġġi selettivi fuq it-taxxa mogħtijin mill-Belġju taħt l-iskema tat-taxxa tagħha ta' "qligħ eċċessiv" huma illegali skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat u ordnat li jiġu rkuprati[41]. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tibqa' għaddejja bl-inkjesta tagħha rigward il-prattiki ta' deċiżjonijiet tat-taxxa fl-Istati Membri kollha tal-UE[42].

*Għajnuna lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni tal-UE sabiex isiru infurzaturi iktar effettivi*

Aspett essenzjali ieħor għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet verament ekwi għall-kumpaniji fis-suq uniku kollu huwa li jiġi żgurat li n-negozji jkunu jistgħu jserrħu fuq applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, indipendentement liema jkun l-Istat Membru li joperaw minnu. F'dan ir-rigward, ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni huwa kruċjali. Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1/2003[43] fl-2004 ittrasforma l-kuntest ta' infurzar tal-kompetizzjoni, billi ta lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u lill-qrati nazzjonali rwol importanti fl-infurzar tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust flimkien mal-Kummissjoni. Issa r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni qegħdin jiġu applikati fuq skala li l-Kummissjoni qatt ma setgħet tikseb waħedha, u b'mod iktar dettaljat u effettiv milli kien kieku jkun possibbli.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014 dwar l-Għaxar Snin tar-Regolament 1/2003[44], identifikat għadd ta' oqsma konkreti fejn tista' tittieħed azzjoni konkreta sabiex jissaħħu s-setgħat ta' infurzar tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u tiżdied il-konverġenza bejn is-sistema nazzjonali. Issa l-Kummissjoni qiegħda tirrifletti dwar jekk l-għodda disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni tistax tittejjeb ulterjorment. F'Novembru 2015, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika partikolari, li fiha stiednet lill-pubbliku ġenerali u lill-partijiet ikkonċernati sabiex jikkondividu l-esperjenza tagħhom u jipprovdu rispons dwar l-azzjoni leġiżlattiva potenzjali tal-UE sabiex tissaħħaħ ulterjorment l-għodda tal-infurzar u s-sanzjonar tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

*Għoti tas-setgħa lill-konsumaturi tal-UE bit-tkissir tal-kartelli*

Iż-żamma tas-suq uniku ġust, trasparenti u miftuħ hija ta' ġid għan-negozji tal-UE u l-ekonomiji tal-Istati Membri, iżda l-ewwel u qabel kollox hija importanti għaċ-ċittadini Ewropej. Eżempju ċar huwa l-ħidma tal-Kummissjoni fl-infurzar kontra l-kartelli. F'suq uniku li jaħdem kif suppost, il-kumpaniji huma mħeġġin sabiex isiru iktar effiċjenti u inventivi mir-rivali tagħhom, u dan isarraf f'benefiċċji għall-konsumaturi tal-UE permezz ta' prodotti aħjar u prezzijiet orħos. Il-kartelli jagħmlu ħsara lill-konsumaturi u lill-ekonomija inġenerali, meta l-kumpaniji jistipulaw il-prezzijiet minflok is-suq.

---

[40] Każ SA.37667 *Eżenzjoni minn Qligħ Żejjed fil-Belġju*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni sabiex tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali tat-3 ta' Frar 2015, ara IP/15/4080 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4080_en.htm.

[41] Ara IP/16/42 tal-11 ta' Jannar 2016, disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-42_en.htm.

[42] Ara IP/14/2742 tas-17 ta' Diċembru 2014, disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-14-2742_en.htm.

[43] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap 08, Vol 002, p. 205-229, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=celex%3A32003R0001.

[44] Komunikazzjoni tad-9 ta' Lulju 2014 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,*Għaxar snin ta' Infurzar tal-antitrust bir-Regolament 1/2003: Kisbiet u perspettivi futuri*, COM(2014) 453, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52014DC0453.

F'Ġunju, il-Kummissjoni mmultat total ta' EUR 115-il miljun lil tmien manifatturi u żewġ distributuri ta' trejs tal-imballaġġ tal-ikel għall-konsumaturi talli ħadu sehem f'tal-inqas wieħed minn ħames kartelli separati[45]. It-tmien manifatturi kienu Huhtamäki tal-Finlandja, Nespak u Vitembal ta' Franza, Silver Plastics tal-Ġermanja, Coopbox, Magic Pack u Sirap-Gema tal-Italja u Linpac tar-Renju Unit. Iż-żewġ distributuri kienu Ovarpack tal-Portugall u Propack tar-Renju Unit.

Minflok ma kkompetew bil-merti tagħhom, il-kumpaniji ffissaw il-prezzijiet u allokaw il-konsumaturi ta' trejs tal-fowm tal-polistiren jew trejs riġidi tal-polipropilen, bi ksur tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust, u affettwaw lil miljuni ta' konsumaturi li xtraw ikel. Trejs tal-fowm tal-polistiren jew trejs riġidi tal-polipropilen jintużaw għall-imballaġġ tal-ikel mibjugħ fi ħwienet jew supermarkets, għal prodotti bħal ġobon, laħam, ħut jew kejkijiet.

Il-Kummissjoni mmultat ukoll total ta' EUR 116-il miljun lil tmien fornituri ta' disk drives ottiċi talli kkoordinaw l-imġiba tagħhom b'rabta mas-sejħiet għall-offerti għall-akkwist organizzati minn żewġ manifatturi tal-kompjuters, Dell u Hewlett Packard[46]. Il-fornituri li fuqhom ġiet imposta multa kienu Philips, Lite-On, l-impriża konġunta tagħhom Philips & Lite-On Digital Solutions, Hitachi-LG Data Storage, Toshiba Samsung Storage Technology, Sony, Sony Optiarc u Quanta Storage. Għalkemm il-kuntatti tal-kartell seħħew barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), dawn ġew implimentati fuq bażi dinjija, inkluż fiż-ŻEE.

Disk drives ottiċi jintużaw, pereżempju, f'kompjuters personali, CD u DVD players u consoles tal-logħob sabiex jaqraw jew jirreġistraw dejta maħżuna fuq disks ottiċi, bħal CDs, DVDs jew Blu-ray discs. Il-kartell kien jikkonċerna disc drives ottiċi għal desktops u laptops. L-iżgurar li dawn it-tipi ta' swieq jibqgħu kompetittivi huwa ta' importanza partikolari sabiex ikunu ggarantiti prezzijiet ġusti għall-konsumaturi tal-lum, u prodotti innovattivi għall-konsumaturi ta' għada.

It-tkissir tal-kartelli donnu t-tneħħija ta' taxxa moħbija li miljuni ta' konsumaturi Ewropej kienu mġegħlin iħallsu bla ma jafu. Barra minn hekk, il-kartelli jneħħu l-inċentivi għan-negozji sabiex jinnovaw, u b'hekk ixekklu ħafna d-dinamiżmu u t-tkabbir futur tal-UE.

*Nagħmlu s-swieq tas-servizzi finanzjarji jaħdmu aħjar – żviluppi fil-politika tal-kompetizzjoni fis-setturi finanzjarji u tal-pagamenti*

Il-Kummissjoni adottat ukoll deċiżjoni dwar kartell fis-settur finanzjarju, wieħed mill-oqsma ta' prijorità tal-Kummissjoni għall-kisba ta' suq uniku iktar ġust u integrat. Fi Frar, il-Kummissjoni mmultat lis-sensar ibbażat fir-Renju Unit, ICAP, madwar EUR 15-il miljun talli kiser ir-regoli tal-UE dwar l-antitrust billi ffaċilita bosta kartelli fis-settur ta' derivattivi tar-rata tal-imgħax yen (YIRD)[47]. F'dan ir-rigward, f'Diċembru 2013, ġew imposti multi fuq għadd ta' banek ewlenin wara li ġiet adottata deċiżjoni dwar soluzzjoni.

L-investigazzjoni tal-YIRD hija biss eżempju wieħed mill-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tiġġieled kontra prattiki li jmorru kontra l-kompetittivi fis-swieq finanzjarji. Is-settur tal-pagamenti joffri eżempju rilevanti ieħor. F'Lulju 2015, il-Kummissjoni bagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil MasterCard, talli allegatament żiedet l-ispejjeż tal-pagamenti bil-kard, u

---

[45] Każ T.39563 *Retail Food Packaging*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=1_39563.

[46] Każ AT.39639 *Optical Disc Drives*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=1_39639.

[47] Każ AT.39861 *Yen Interest Rate Derivatives (YIRD)*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2013, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=1_39861.

b'hekk għamlet ħsara lill-konsumaturi u lill-bejjiegħa fl-UE[48]. Il-pagamenti bil-kard jaqdu rwol ċentrali fis-suq uniku, kemm għal xiri domestiku kif ukoll għal dak transfruntiera, inkluż xiri onlajn. Kull sena, in-negozji u l-konsumaturi Ewropej jagħmlu aktar minn 40 % tal-pagamenti mhux fi flus kontanti tagħhom permezz tal-kards ta' pagament.

Id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet tispjega l-fehma preliminari tal-Kummissjoni li r-regoli ta' MasterCard jipprevjenu lill-banek milli joffru tariffi tal-interkambju iktar baxxi lill-bejjiegħa bbażati f'pajjiż ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea, fejn it-tariffi tal-interkambju jistgħu jkunu ogħla. Għaldaqstant, il-bejjiegħa ma jistgħux jibbenefikaw minn tariffi orħos xi mkien ieħor u l-kompetizzjoni transfruntiera bejn il-banek tista' tkun ristretta, xi ħaġa li tikser ir-regoli Ewropej dwar l-antitrust. Id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet tallega wkoll li t-tariffi tal-interkambju ta' MasterCard għal tranżazzjonijiet fl-UE li jużaw kards ta' MasterCard maħruġin f'reġjuni oħrajn tad-dinja jiksru r-regoli Ewropej dwar l-antitrust billi jistabbilixxu prezz minimu artifiċjalment għoli għall-ipproċessar ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

Waħda miż-żewġ kwistjonijiet f'din l-investigazzjoni tikkonċerna tranżazzjonijiet interreġjonali, li mhumiex koperti mir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju[49] li ġie adottat f'April 2015. Billi bena fuq kważi għaxar snin ta' ġurisprudenza marbuta mal-antitrust fis-settur tal-pagamenti, ir-Regolament stabbilixxa limitu massimu fuq it-tariffi tal-interkambju għal kards maħruġin u użati fl-UE, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u n-negozji u fl-istess ħin jiġu mħeġġa t-tkabbir u l-innovazzjoni. Peress li l-kards huma l-iktar metodu użat għall-pagamenti onlajn, ir-Regolament huwa wkoll pass importanti għat-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali.

*Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur bankarju – nappoġġjaw l-irkupru ekonomiku u nimminimizzaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni*

Fis-settur bankarju, il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat kompla jillimita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiżgura kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li fl-istess ħin naqqas l-użu tal-flus tal-kontribwenti għall-minimu neċessarju. Barra minn hekk, f'Jannar 2015 daħlet fis-seħħ id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)[50], li tistabbilixxi r-regoli dwar ir-riżoluzzjoni tal-banek u ditti kbar tal-investiment fl-Istati Membri kollha. L-għajnuna mill-Istat lil banek li qegħdin ifallu notifikata lill-Kummissjoni wara l-1 ta' Jannar 2015 tista' tingħata biss jekk il-bank jitqiegħed fi proċedura ta' riżoluzzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tal-BRRD minbarra r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat.

F'Novembru, il-Kummissjoni sabet li l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' Banca delle Marche, Banca Popolare dell'Etruria e del Lazio, Cassa di Risparmio di Ferrara u Cassa di Risparmio della Provincia di Chieti (sehem mis-suq flimkien ta' madwar 1 % fl-Italja) huma konformi mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat[51]. L-erba' banek, li lkoll diġà kienu qegħdin taħt

---

[48] Każ AT.40049 Mastercard II, ara IP/15/5323 tad-9 ta' Lulju 2015 disponibbli fuq http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5323_en.htm.

[49] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-transazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard, ĠU L 123, 19.5.2015, disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_.2015.123.01.0001.01.MLT.

[50] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, ĠU L 173, 12.6.2014, disponibbli fuq
*http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1427289116879&uri=CELEX:32014L0059*.

[51] Każijiet SA.39543 *Riżoluzzjoni tal-Banca delle Marche S.p.A*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2015, disponibbli fuq

amministrazzjoni speċjali, tqiegħdu fi proċedura ta' riżoluzzjoni mill-Bank of Italy b'konformità mal-BRRD. Il-Kummissjoni sabet li l-pjanijiet tal-Italja li tuża l-fond nazzjonali ta' riżoluzzjoni mminimizzaw l-użu ta' fondi pubbliċi u kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-miżuri, filwaqt li nżammet l-istabbiltà finanzjarja.

Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kellhom rwol importanti fl-appoġġ tal-isforzi tal-ikbar erba' banek Griegi sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' kapital identifikati mis-superviżur bankarju Ewropew[52]. Bejn Novembru u Diċembru, il-Kummissjoni approvat miżuri ta' għajnuna mill-Istat għar-rikapitalizzazzjonijiet ta' Piraeus Bank[53] u n-National Bank of Greece[54]. Il-banek ippreżentaw pjanijiet ta' ristrutturar li kellhom l-għan li jiżguraw il-vijabbiltà fil-perjodu fit-tul tagħhom, li tippermettilhom jerġgħu jiffokaw fuq l-għoti ta' self lil negozji Griegi u jappoġġjaw l-irkupru tal-ekonomija Griega.

Il-Kummissjoni qiegħda tiżgura wkoll l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-settur bankarju skont il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku f'Ċipru. B'mod partikolari, f'Diċembru 2015 il-Kummissjoni sabet li l-injezzjoni ta' kapital ta' EUR 175 miljun favur Cypriot Cooperative Central Bank Ltd u s-sussidjarji tiegħu kienet tirrispetta r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat[55]. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ta' ristrutturar li l-bank ħa impenn li jimplimenta kienu sejrin jimminimizzaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni filwaqt li jiżguraw li l-bank isir vijabbli fil-perjodu fit-tul.

Fil-kuntest ta' wara l-programm fil-Portugall,[56] il-Kummissjoni approvat skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat estensjoni tal-garanziji tal-istat tal-Portugall fuq bonds maħruġin minn Novo Banco,[57] u miżuri ta' għajnuna mill-Istat sabiex ikopru d-diskrepanza fil-finanzjament fir-riżoluzzjoni ta' Banif[58]. Il-miżuri ta' għajnuna proposti kellhom l-għan,

---

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_39543; SA.41134 *Riżoluzzjoni tal-Banca Popolare dell'Etruria e del Lazio - Soc. Coop.*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_41134; SA.41925 *Riżoluzzjoni tal-Cassa di risparmio di Ferrara S.p.A*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_41925; u SA.43547 *Riżoluzzjoni tal-Cassa di risparmio della Provincia di Chieti S.p.A.*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_43547.

52 Ara https://www.bankingsupervision.europa.eu/press/pr/date/2015/html/sr151031.en.html.

53 Każ SA.43364 *Għajnuna ta' ristrutturar addizzjonali lil Piraeus Bank 2015*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_43364.

54 Każ SA.43365 *Għajnuna ta' ristrutturar addizzjonali lin-National Bank of Greece (NBG) 2015*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_43365.

55 Każ SA.43367 *Għajnuna ta' ristrutturar addizzjonali lil Cooperative Central Bank 2015*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_43367.

56 F'Ġunju 2014 il-Portugall ħareġ b'suċċess mill-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku tiegħu mifrux fuq tliet snin.

57 Każ SA.43976 *Emenda tar-Riżoluzzjoni tal-2014 ta' Banco Espirito Santo S.A. (Novo Banco S.A.)*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2015, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_43976.

58 Każ SA.43977 *Riżoluzzjoni ta' Banif - Banco Internacional do Funchal, S.A.*, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2015, disponibbli fuq

rispettivament, li jiżguraw iż-żamma tal-likwidità adegwata għal Novo Banco u jippermettu l-ħruġ ordinat ta' Banif mis-suq, sabiex b'hekk jgħinu jżommu l-istabbiltà finanzjarja tas-settur bankarju Portugiż.

## VI. Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali produttiva u djalogu interistituzzjonali kostruttiv fil-qasam tal-kompetizzjoni

Il-Kummissarju, u b'mod partikolari l-Kummissarju għall-Kompetizzjoni, Margrethe Vestager, ħadu impenn sħiħ għal skambju miftuħ u kostruttiv dwar kwistjonijiet marbutin mal-kompetizzjoni f'livell globali u ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE.

*Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' operaturi ekonomiċi tradizzjonali u emerġenti*

L-integrazzjoni progressiva tal-ekonomiji dinjin għandha implikazzjonijiet qawwijin fuq il-ħidma tal-infurzaturi tal-kompetizzjoni – il-globalizzazzjoni tikkonċerna l-iktar l-interdipendenza. Fl-aħħar 25 sena, in-numru ta' reġimi tal-kompetizzjoni madwar id-dinja żdied b'mod drammatiku minn madwar 20 fil-bidu tas-snin disgħin għal madwar 130 fl-2015, li jkopru 85 % mill-popolazzjoni tad-dinja. Filwaqt li ż-żieda fin-numru ta' aġenziji tal-antitrust hija sinjal li l-kultura tal-kompetizzjoni qiegħda tkompli tiżviluppa iktar madwar id-dinja, l-isforzi tal-Kummissjoni qegħdin jindirizzaw ukoll l-isfidi li jiġu ma' dan.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni hija involuta b'mod attiv f'kooperazzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet marbutin mal-kompetizzjoni, kemm b'mod bilaterali kif ukoll multilaterali f'fora tal-kompetizzjoni bħall-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-OECD, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u n-Netwerk Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni (ICN).

Bħala kopresident tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fużjonijiet tal-ICN, il-Kummissjoni tat sehemha għall-iżvilupp tal-Gwida Prattika għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar Internazzjonali fil-Fużjonijiet, adottata fl-2015. Il-Gwida Prattika tipprovdi gwida diretta u bbażata fuq il-każijiet għall-membri tal-ICN dwar kif l-aġenziji jistgħu jallinjaw l-iskedi ta' żmien, jikkondividu l-informazzjoni u jikkooperaw, kemm fuq is-sustanza kif ukoll fuq ir-rimedji sabiex jevitaw inkonsistenzi.

Il-kooperazzjoni b'suċċess fil-kontroll tal-fużjonijiet fl-2015 kopriet relazzjonijiet bilaterali wkoll. F'Ottubru, il-Kummissjoni u l-Ministeru tal-Kummerċ tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina (MOFCOM) iffirmaw Gwida Prattika għall-Kooperazzjoni dwar ir-Reviżjoni mill-Ġdid tal-Każijiet ta' Fużjoni. Il-Gwida Prattika sejra tippermetti li jkun hemm trasparenza ikbar fit-twaqqit u l-kontenut tad-diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-MOFCOM, li jwasslu għal reviżjonijiet iktar effiċjenti u konsistenti u li ma jkunux f'kunflitt meta fużjoni tkun ser tiġi vvalutata miż-żewġ awtoritajiet. Din tirrappreżenta element ulterjuri ta' kooperazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina, minbarra l-attivitajiet ta' kooperazzjoni teknika li qegħdin jiġu żviluppati bħalissa bħala parti minn programm ta' kooperazzjoni speċjali (EUCTP II[59]).

Il-Kummissjoni qiegħda tkompli bil-ħidma tagħha ta' inklużjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat fin-negozjati dwar Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs). Fl-2015, sar progress importanti fid-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni fl-FTAs mal-Ġappun u l-Vjetnam. Il-Kummissjoni għamlet progress ukoll fin-negozjati tagħha mal-

---

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_43977.

[59] Proġett Kummerċjali II UE-Ċina

Istati Uniti dwar Ftehim ta’ Sħubija Trans-Atlantika ta’ Kummerċ u ta’ Investiment (TTIP), li sejjer jinkludu kapitlu dwar il-kompetizzjoni.

*Djalogu strutturat mal-Parlament Ewropew*

Fl-2015, il-Kummissjoni kompliet ir-relazzjoni ta’ ħidma b’suċċess tagħha mal-Parlament Ewropew, b’mod partikolari l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON).

Bħala parti mid-djalogu strutturat tagħha mal-Parlament, il-Kummissarju Vestager żaret lill-Kumitat ECON f’Lulju u Novembru. Laqgħet l-opportunità li tattendi l-Kumitat u tikkomunika mal-membri tal-Parlament f’dibattitu kostruttiv dwar il-politika tal-kompetizzjoni.

Il-Kummissarju Vestager attendiet ukoll il-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Kompetizzjoni tal-Kumitat ECON f’April u l-Kumitat Speċjali dwar id-Deċiżjonijiet fil-Qasam tat-Taxxa u Miżuri Oħra ta’ Natura jew Effett Simili (TAXE) f’Mejju u Settembru. F’Ġunju attendiet il-Kumitat tal-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) sabiex tiddiskuti l-abbozz ta’ Linji Gwida għall-bejgħ konġunt fis-setturi tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella, iż-żejt taż-żebbuġa, u l-prodotti ta’ raba’ li jinħadem.

**Involviment ikbar tal-Parlament f’inizjattivi marbutin mal-politika tal-kompetizzjoni**

B’segwitu għall-“Komunikazzjoni dwar l-Għaxar Snin tar-Regolament tal-Kunsill 1/2003”, il-Kummissjoni qiegħda tirrifletti fuq kif tagħti s-setgħa lill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni sabiex ikunu infurzaturi iktar effettivi tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust. Il-Kumitat ECON kien informat dwar il-konsultazzjoni pubblika mnedija f’Novembru 2015, bil-għan li jikseb rispons mingħand firxa wiesgħa ta’ partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, il-Kummissarju Vestager ħadet impenn li tħeġġeġ l-involviment sħiħ tal-Parlament f’din l-inizjattiva, safejn il-kontenut konkret tal-proposta jippermetti dan.

*Iktar titjib fil-komunikazzjoni tad-DĠ Kompetizzjoni mal-Parlament Ewropew*

Is-seminar regolari ta’ tgħarrif tad-DĠ Kompetizzjoni għall-konsulenti politiċi u l-assistenti mill-Kumitat ECON li kopra t-temi ewlenin fir-Rapport tal-2014 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni sar f’Lulju 2015. B’mod simili, id-DĠ Kompetizzjoni pprovda tgħarrifiet ta’ sfond dwar il-politika u l-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat għall-membri tat-TAXE u l-persunal assoċjat.

Id-DĠ Kompetizzjoni ħadem mal-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Kompetizzjoni sabiex f’Mejju 2015 iħejju sessjoni ta’ ħidma dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-kompetizzjoni u r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti f’dan il-qasam. Barra minn hekk, id-Direttur Ġenerali maħtur ġdid tad-DĠ Kompetizzjoni, Johannes Laitenberger, sar l-ewwel Direttur Ġenerali li attenda l-Grupp ta’ Ħidma tal-Parlament dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni f’Diċembru 2015.

Id-DĠ Kompetizzjoni kien id-DĠ ewlieni għal 331 mistoqsija Parlamentari bil-miktub u 7 petizzjonijiet imħejjin mis-servizzi tal-Kummissjoni.

*L-involviment tad-DĠ Kompetizzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kumitat tar-Reġjuni (KtR)*

Il-Kummissjoni għarrfet ukoll lill-KESE u lill-KtR dwar inizjattivi politiċi ewlenin u ħadet sehem fi gruppi ta’ studju u laqgħat tas-sezzjonijiet. Fl-14 ta’ Lulju, l-eks Direttur Ġenerali tad-DĠ Kompetizzjoni, Alexander Italianer, attenda l-laqgħa tas-sezzjoni tas-Suq Uniku, il-

Produzzjoni u l-Konsum tal-KESE. Min-naħa tiegħu, il-KESE ħareġ opinjonijiet dwar "L-għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji: hija effettiva u effiċjenti?" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) fis-16 ta' Settembru u fuq ir-Rapport tal-2014 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni fid-9 ta' Diċembru. Il-KtR ħareġ opinjoni dwar l-istrumenti finanzjarji b'appoġġ tal-iżvilupp territorjali fl-14 ta' Ottubru.